MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**PACE RAYMOND C.**

Seduta ta' 30 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 1351/1999/1

**John Richards**

**vs**

**Margaret Richards nee` Gatt**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fid-29 ta’ Awissu 1990 kif jindika c-certifikat taz-zwieg anness bhala Dok “A”.

Illi l-partijiet isseparaw permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Marco Burlo’ fit-12 ta’ Awissu 1996.

Illi l-kunsens tal-kontendenti kien inkiseb bi vjolenza fizika u morali u biza’ tal-partijiet u dan *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (a) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;**

Illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' giudizzju fuq il-hajja mizzewga, u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghall-kontendenti li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dan *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat minhabba l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u dan *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi l-kontendenti, ghalkemm mhux interdetti jew morda minn mohhom ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg u dan *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (h) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi minhabba r-ragunijiet premessi u minhabba ragunijiet ohra kontemplati **fl-Att XXXVII tal-1975** li jirregola z-zwigijiet, iz-zwieg bejn il-kontendenti kien null u bla effett fil-ligi.

Illi l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fid-29 ta' Awissu 1990 huwa null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-**artikoli 19 (1) (a), (1) (d), (1) (f) u (1) (h) tal-Att XXXVII tal-1975 tal-Ligijiet ta' Malta**.

2. Tordna li dina n-nullita' tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv fuq indikat.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa' ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 6 tal-process;

Rat il-verbal tat-8 ta’ Marzu 2000.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Margaret Richards tat-28 ta’ Marzu 2000 a fol. 11 fejn gie eccepit:

1. Illi l-eccipjenti taqbel illi hemm ragunijiet ammissibbli fil-ligi sabiex iz-zwieg taghhom jigi ddikjarat null u bla effett *ai termini* ta’ l-**artikolu 19 (1) (a), (1) (d), (1) (f) u (1) (h) ta’ l-Att XXXVII tal-1975 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 12 tal-process.

Rat il-verbali tal-5 ta’ April 2000; u tat-23 ta’ Mejju 2000 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Audrey Demicoli biex tigbor il-provi u tirrelata.

Rat in-noti tal-attur John Richards datati rispettivament s-17 ta’ Lulju 2000 li biha esebixxa l-affidavit tieghu stess, dik tat-28 ta’ Lulju 2000 fejn esebixxa l-affidavits ta’ Carmelo Farrugia u ta’ Josephine Cutajar, dik tat-22 ta’ Dicembru 2000 li biha esebixxa l-affidavit ta’ Moses Mula, u dik tat-3 ta’ Mejju 2001 fejn biha esebixxa affidavit ulterjuri tieghu stess.

Rat in-nota tal-konvenuta tat-13 ta’ Awissu 2001 li biha esebiet l-affidavit taghha.

Rat is-seduti mizmuma mill-Perit Legali Dr. Audrey Demicoli.

Rat il-verbali tal-24 ta’ Novembru 2000; tat-13 ta’ Gunju 2001; tad-19 ta’ Novembru 2001; tal-10 ta’ April 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema’ minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace; tat-2 ta’ Ottubru 2002 fejn il-Perit

Legali halfet ir-rapport. Dr. Sandra Sladden ghall-attur irrimettiet ruhha ghar-rapport. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum 30 ta' Ottubru 2002.

Rat ir-relazzjoni peritali tal-avukat Dr. Audrey Demicoli.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (A) PROVI MIGBURA.

Illi **l-attur** xehed b'mod estensiv permezz ta' zewg affidavits u anki *'viva voce'* in kontro-ezami. Huwa spjega fid-dettal it-trobbija difficli li kellu, liema trobbija difficli kient dovuta ghall-fatt li l-genituri tieghu kienu sseparaw meta huwa kellu biss tliet snin. Huwa baqa' jghix ma' ommu w ghamlu zmien twil jiccaqalqu minn post ghal iehor. L-attur jghid li huwa kien sottomess hafna ghal ommu li kienet bniedma difficli u ssofri minn *'depression'*, u anke hija kienet gejja minn familja separata. L-attur jiddeskrivi r-relazzjoni tieghu ma' ommu u t-trobbija tieghu b'dan il-mod:-

*"Ommi kellha nfluwenza kbira fuqi u r-relazzjoni taghna kienet wahda stramba hafna. Bhala tifel jiena kont kwiet hafna izda ommi xorta kienet taghtini hafna 'punishments'. Anki t-tieni ragel taghha kien jaghtini hafna 'punishments' sabiex jikkuntenta lil ommi u hafna drabi dawn il-'punishments' kienu f'forma ta' vjolenza fizika. Ghalhekk kelli 'childhood' difficli hafna".*

Illi omm l-attur regghet izzewget u kellha tifel iehor izda l-attur qatt ma kellu relazzjoni tajba la ma' huh u lanqas mat-tieni ragel t'ommu. L-attur isostni li ommu kienet possessiva hafna fil-konfront tieghu u jghid li peress li hija kellha trobbbija difficli riedet li anki hu jkollu l-istess tip ta' trobbija. L-attur beda jirribella meta kellu (16) sittax-il sena u gieli anki gie fl-idejn mat-tieni ragel t'ommu. Dan tal-ahhar telaq mid-dar fl-1986. Meta l-attur ghalaq

ghoxrin sena ommu kienet tinsisti li jqatta' gurnata shiha barra mid-dar u li jirritorna lura biss fil-11:00 p.m. Huwa kien iqatta' hafna zmien jara l-*"films"* u hdejn il-bahar sabiex jghaddi l-hin. F'dawk l-okkazjonijiet li kien jirritorna d-dar wara l-11:00 p.m., omm l-attur kienet issakkru barra u huwa kien jispicca jorqod fuq bank fil-pjazza.

Illi l-attur jghid li meta huwa ltaqa' mal-konvenuta f'Awissu tal-1989, huwa ra din ir-relazzjoni bhala sfida fis-sens li ried jipprova li kien kapaci jkollu relazzjoni. Omm l-attur tant kienet possessiva li ma riditux ikollu relazzjoni ma' mara ohra u fil-fatt kienet tghidlu li hadd ma kien ser jaccettah minhabba l-fatt li kien gej minn familja mkissra.

Illi huwa spjega ruhu b'dan il-mod:-

*"L-iskop t'ommi kien li naqta' qalbi u noqghod maghha. Ghalhekk jiena hadt ir-relazzjoni ma' Margaret bhala sfida lil ommi u lili nnifsi".*

Illi meta l-konvenuta saret taf b'dawn l-affarijiet anki hi bdiet tkun possessiva u skond l-attur, il-konvenuta minflok pruvat tghinu fil-problemi tieghu, hadet vantagg mis-sitwazzjoni sabiex ikollha aktar kontroll fuqu.

Illi l-attur jghid li wara xahar johorgu flimkien, il-partijiet taw lil xulxin *"steady ring"*, u beda jkollhom relazzjonijiet intimi xi hames darbiet fil-gimgha. Aktar ma ghadda z-zmien, aktar ma l-konvenuta saret possessiva, hija kienet konstantement iccempel lill-attur fuq ix-xoghol, tant li l-*"employer"* tieghu tah *"warning"*. Huwa beda jiddejjaq f'din ir-relazzjoni ghaliex beda jhoss li l-konvenuta kienet qed issir bhal ommu u ghalhekk, wara sitt gimghat minn mindu bdiet ir-relazzjoni, l-attur beda jaghmel minn kollox sabiex idejjaq lill-konvenuta halli titilqu, izda din tal-ahhar aktar attakkat ruhha mieghu. Dejjem skond l-attur, il-konvenuta kienet persuna *"insecure"* hafna, u ghalkemm ma kienetx gejja minn familja mkissra, anke hi kellha genn kbir sabiex titlaq mid-dar.

Illi l-konvenuta u ommu ma kienux jaqblu, jghid l-attur, tant li qal li:- *"ommi kienet tiehu gost tiddistruggi dak li jien kont*

*nipprova nibni. Min-naha taghha Margaret kienet tipprova taqtaghni minn ommi".* L-attur jispjega li minhabba din is-sitwazzjoni huwa kien imdejjaq hafna u kellu konflitti nterni kbar. *"Minn banda kont kuntent ghax permezz ta' Margaret jiena ppruvajt lili nnifsi u lil ommi li jien kapaci nkun f'relazzjoni, u mill-banda l-ohra Margaret kienet iddejjaqni ghax kellha l-karattru simili hafna ghal dak ta' ommi u bdejt inhoss li qed tiehu post ommi".*

Illi l-attur irrealizza li r-relazzjoni tieghu mal-konvenuta kienet ibbazata fuq is-sess u mhux fuq l-imhabba, u jghid li minhabba din ir-raguni, kull darba li kien jghid lill-konvenuta li xtaq jittermina r-relazzjoni, hija kienet issir isterika u takkuzah li kien qed jinqeda biha. Meta kien jara din ir-reazzjoni huwa kien ihoss certu rimors u kien jibqa' mal-kovenuta. Wara xahrejn li l-partijiet kienu ilhom johorgu flimkien il-konvenuta riedet titgharras, u ghalkemm l-attur ma riedx jiehu dan il-pass, huwa hass li ma kellux ghazla *"ghax kont naf li jekk nghidilha le, ssir isterika".* Skond l-attur, f'dan id-dwejjaq kollu, huwa kien jara l-lat pozittiv fis-sens li l-konvenuta kienet toffri l-familja li huwa qatt ma kellu u kienet ukoll il-mezz sabiex huwa jitlaq mid-dar. Il-partijiet tgharrsu fi Frar tal-1990, wara gurnata ggieldu u l-attur qal lill-konvenuta li ried jitlaqha ghaliex ma kienx ihobbha, izda hija saret isterika u ghalhekk ddecieda li jibqa' maghha. F'Marzu tal-1990 il-partijiet skoprew li l-konvenuta kienet harget tqila. *"Jiena kont dispjacut hafna ghax kont diga' rrealizzajt li jekk konna ser nizzewgu dan iz-zwieg zgur kien ser ikun falliment. Pero' bdejt inhossni dari mal-hajt",* jghid l-attur. Huwa jghid ukoll li kienu qed jibzghu hafna mir-reazzjoni tal-genituri tal-konvenuta ghat-tqala u ghalhekk zammew din l-ahbar mistura sakemm f'Gunju tal-1990 it-tqala bdiet tidher u l-partijiet kellhom jghidulhom. Dan ghamluh billi talbu lill-kugina tal-konvenuta sabiex taghti l-ahbar u fil-frattemp huma marru Ghawdex. Din il-kugina nfurmathom li missier il-konvenuta hadha bi kbira hafna u ried joqtolhom. *"Kif rajt hekk bdejt nibza' hafna mir-reazzjoni ta' missierha jekk nghidlu li ma rridx nizzewwiglu t-tifla".*

Illi l-partijiet izzewgu fid-29 ta' Awissu tal-1990, kellhom tieg zghir u l-attur jghid li hassu mdejjaq hafna dakinhar

ghaliex deherlu li kien qed jikkuntenta lil kulhadd hlief lilu nnifsu. Malli twieldet it-tifla, f'Dicembru 1990, l-konvenuta tilfet kull interess fih, jghid l-attur. Ma kienx hemm komunikazzjoni bejniethom, il-konvenuta la kienet issajjarlu u lanqas tahsillu hwejgu. Waqfu jkollhom relazzjonijiet intimi u tbeghdu kompletament minn xulxin. L-attur beda jqatta' hafna zmien barra mid-dar u rega' beda jghix il-hajja ta' guvni sakemm fl-1996 il-partijiet isseparaw.

Illi l-attur jikkonkludi l-affidavit tieghu billi jiddefinixxi s-sitwazzjoni bhala wahda tragika u billi jispjega li hu u l-konvenuta kienu mmaturi hafna u mhux lesti ghaz-zwieg. *"Konna ghaggilna hafna u minhabba c-cirkostanzi tat-tqala konna dhalna fiz-zwieg minghajr ma konna nafu lil xulxin. Jien qatt ma kont liberu fil-hsieb tieghi ghax dejjem kont sottomess – jew ghal ommi, jew ghal Margaret, jew ghal missierha. Tant kont sottomess u taht pressjoni li dhalt ghal zwieg li bl-ebda mod ma ridt".*

Illi **Josephine Cutajar**, omm l-attur, tghid li hija kellha tfulija difficli peress li kienet gejja minn familja mkissra u tikkonferma li anki l-attur kellu trobbjia difficli. Hija tghid li kienet ta' dixxiplina kbira u li l-attur kien tifel kwiet hafna, riservat u sottomess ghaliha. Din ix-xhud tkompli tispjega li minhabba c-cirkostanzi li kienet fihom, anki t-tieni zwieg taghha kien sejjer hazin, hija kienet nervuza hafna u kienet tinfexx fl-attur. Meta l-attur beda jikber u jirribella, din ix-xhud tghid li hija bdiet issir aktar possessiva fuq l-attur u tispjega li kellha nfluwenza kbira fuqu u fuq kull decizjoni li kien jiehu. *"Hafna drabi John kien jissottometti ruhu ghal dak li kont nghidlu. Jien kemm-il darba ghidt lil John li difficli hafna ghalih biex jidhol f'relazzjoni stabbli ma' mara peress li gej minn "broken family" u llum, meta nhares lura, nahseb li dawn il-kliem kienu jinfluwenzawh hafna lil John peress li meta beda johrog ma' Margaret kont inhoss li ried jisfidani u jurini li kapaci jkun f'relazzjoni akkost ta' kollox".*

Illi omm l-attur tghid li hija qatt ma kellha relazzjoni tajba mal-konvenuta u ddefinietha bhala bniedma *"bossy"* hafna, possessiva fuq l-attur, nervuza u gellieda. Skond

din ix-xhud, l-konvenuta kellha kontroll shih fuq l-attur u huwa kien jibza' hafna minnha. Il-partijiet kienu l-hin kollu jiggieldu waqt l-gherusija u hija kienet thoss li l-attur ma kienx kuntent f'din ir-relazzjoni ghaliex ma kienx ihobb lil konvenuta, izda huwa kien jara din ir-relazzjoni bhala sfida u kien sab sigurta' u stabbilita' fil-familja tal-konvenuta. Dwar il-familja tal-konvenuta, omm l-attur tghid li ommha kienet tipprova tikmanda mhux biss lill-attur izda anki lilha. Tghid ukoll li missier il-konvenuta kien ibaghti minn *"depression"* u li l-attur kien jibza' hafna minnu. Hija tghid li darba fost l-ohrajn l-attur kien cemplilha minn Ghawdex u wara li nfurmaha li l-konvenuta kienet tqila, qalilha wkoll li *"jekk jigi missier Margaret id-dar ma niftahlux, ghax kien qed jheddidhom li ser joqtolhom b'sikkina".* Din ix-xhud tkompli tghid li meta binha rritorna lura minn Ghawdex huwa kien infurmaha li kien kostrett jizzewweg lill-konvenuta minhabba l-istat ta' tqala u hija kienet ratu mdejjaq hafna. L-attur kien jibza' hafna minn missier il-konvenuta u kemm-il darba qal lil ommu li kellu jobdi u jaghmel dak li jghid missier il-konvenuta. Il-konvenuta gieli qalet lil din ix-xhud li kienet imdejqa d-dar u li kienet qed tara lill-attur bhala l-mezz sabiex titlaq mid-dar. Skond din ix-xhud il-partijiet kienu ghagglu hafna l-affarijiet binha ma kienx lest ghaz-zwieg ghaliex lanqas kien kapaci jiehu decizjoni wahdu – *"Id-decizjonijiet f'hajtu dejjem hadnihom, jien meta kien zghir, imbaghad Margaret u l-genituri taghha".*

Illi **Moses Mula**, hu l-attur, ikkonferma li hu u huh ma kellhomx trobbija facli. Huwa jghid li huma trabbew f'ambjent fejn ommhom kienet stretta hafna u possessiva u hija kienet tagixxi b'dan il-mod aktar fil-konfront tal-attur milli fil-konfront tieghu. Dan ix-xhud jghid li huwa kellu hmistax-il sena meta l-attur ltaqa' mal-konvenuta u li huwa nduna mill-bidu nett li l-istess konvenuta kienet bniedma possessiva hafna peress li hija kienet iccempel lill-attur kontinwament u kienet tesigi li l-attur icemplilha mmedjatament malli jirritorna d-dar sabiex taccerta ruhha li huwa kien effettivament irritorna hemm. Aktar ma beda jghaddi z-zmien il-partijiet aktar bdew jiggieldu, u dan ix-xhud kien jisma l-glied fuq it-telephone. Huwa jghid li dan il-glied kien dovut ghal fatt li l-attur beda jirribella ghall-

possessivita' tal-konvenuta. Moses Mula xehed dwar okkazjoni fejn huh kien irritorna d-dar u qal lilu u lil ommu li kien iddejjaq mal-konvenuta u ried jitlaqha. Dan kien wara li tgharsu. *"Niftakru jcemplilha u jghidilha biex tiehu l-affarijiet taghha u hu jiehu l-affarijiet tieghu ghax ried jispicca. John kien qal lili u lil ommi li kien qed ihossu fgat u ried iwaqqaf kollox. Madanakollu nghid li ghal xi raguni jew ohra li jien ma nafx biha, John u Margaret baqghu flimkien".*

Illi dejjem skond dan ix-xhud, f'Gunju tal-1990, l-attur kien informa lilu u lil ommu li l-konvenuta kienet tqila u li kien ser ikollu jizzewwigha ghaliex kien mhedded minn missierha. Huwa jghid *li "niftakru precizament jghid illi missierha kien qallu li jekk ma jizzewwigx lit-tifla jmur ghalih b'mus wara l-bieb. Niftakar sew li John kien taht "shock" kbir tant li beda jibki. Kien imbezza' u mdejjaq".* Moses Mula jispjega li l-partijiet kienu marru Ghawdex ghaliex bezghu minn missier il-konvenuta. Huwa jghid ukoll li minhabba din is-sitwazzjoni huh kien taht pressjoni qawwija tant li ggieled mieghu u m'ommu u fil-fatt huma lanqas kienu marru ghat-tieg.

Illi **Carmelo Farrugia** xehed li huwa kien l-iskola mal-attur u sussegwentement kien ukoll jahdem mieghu. Huwa qatt ma kien ikellem lill-attur l-iskola izda jiftakru bhala bniedem kwiet hafna, maqtugh ghalih, dejjem wahdu u qatt ma jilghab ma' tfal ohra. Meta bdew jahdmu flimkien, l-attur kien ikellmu dwar il-glied li kien ikollu d-dar ma' ommu u li gieli kien ikun kostrett jorqod barra. Farrugia jghid li meta l-attur qallu li kien qed johrog mal-konvenuta u kien ser jidhol id-dar, huwa kien qallu biex joqghod attent u ma jghaggilx. Dan ix-xhud jispjega li l-konvenuta kienet il-hin kollu ccempel lill-attur fuq il-post tax-xoghol u li minhabba f'hekk l-istess attur kellu problemi mal-imghallem. Dan ix-xhud jghid li l-attur ghamel kollox bl-ghaggla u bil-genn u li f'daqqa wahda huma semghu li kien ser jizzewweg. Huwa ddefinixxa lill-attur bhala bniedem li jinfluwenza ruhu hafna minn dak li jghidlu haddiehor, li m'huwiex konvint fih innifsu u bhala bniedem li jsibha difficli jiehu decizjoni wahdu – *"anki fuq affarijiet semplici ta' fuq ix-xoghol, ma kienx jiehu decizjoni wahdu*

*u dejjem jirreferi lili biex nghidlu x'jaghmel. Jien din kienet timpressjonani ghaliex ghalkemm kien bniedem intelligenti hafna, ma kienx kapaci jiddeciedi anki fuq l-aktar affarijiet semplici ta' sens komun."*

Illi **l-konvenuta** xehdet permezz ta' affidavit u anke *"viva voce"* in kontro-ezami. Hija tghid li saret taf lill-attur f'Awissu tal-1989 u li wara ftit taz-zmien il-genituri taghha bilfors riedu jkunu jafu ma' min kienet qed tohrog u ghalhekk kienet kostretta tiehu lill-attur id-dar. Il-genituri taghha ma hadux gost li l-attur kien gej minn familja separata u rieduha titilqu. Hija tiddefinixxi lilha nnifisha bhala bniedma li thobb il-liberta' u li ma thobbx l-indhil u tattribwixxi dan il-fatt ghad-dixxiplina zejda ezercitata fuqha mill-genituri taghha li kienu nies tradizzjonali hafna. Hija tispjega li l-genituri taghha tant kienu stretti li meta hija riedet tahdem bix-xift bhala *"Ground staff"* mal-Air Malta huma kienu rrifjutaw li jhalluha taghmel hekk u kienu sahansitra marru jitkellmu mal-awtoritajiet koncernati sabiex hija tinghata xoghol iehor, dan ghamluh ghaliex ma riedux li hija tahdem bil-lejl. Il-konvenuta tghid li hija qatt ma xtaqet tizzewweg izda meta kienet tghid hekk lil ommha u tghidilha li riedet tmur tghix wahidha, din tal-ahhar kienet taghtiha rasha u kienet mohha li l-konvenuta ssib l-istat taghha. Il-genituri tal-konvenuta ma kienux ihalluha ssiefer mal-hbieb, kienu jikkontrollaw il-mod kif tonfoq flusha u kienu rrifjutaw li jhalluha tixtri karozza. Minhabba dan kollu l-konvenuta rat l-attur bhala l-mezz li tehles minn din is-sikkatura zejda – *"la ma kienux ihalluni mmur noqghod wahdi ghax din hija kontra kull tradizzjoni, l-unika alternattiva li kelli kienet li nizzewweg, ikolli d-dar tieghi, hajja gdida, biex forsi jkolli ftit minn dik il-liberta' li dejjem xtaqt*". Il-konvenuta tispjega li meta harget tqila, hi u l-attur kellhom imorru Ghawdex sakemm jikkalmaw l-affarijiet ghaliex ommha u missierha haduha bi kbir hafna. Meta rritornaw lura minn Ghawdex, il-konvenuta tghid li l-affarijiet ikkalmaw u missierha sahansitra qal lill-attur li kien ikun ahjar li kieku jistennew sena qabel ma jizzewgu.

Illi hija tispjega li l-attur xorta ried jizzewweg, probabilment b'sens ta' dover lejn is-sitwazzjoni. In kontro-ezami izda,

l-konvenuta ammettiet li l-genituri taghha ghamlu kjass shih meta saru jafu li kienet tqila u li l-attur kien jibza' hafna mill-genituri taghha u li din kienet wahda mir-ragunijiet li huma ddecidew li jizzewgu. Il-konvenuta tghid li z-zwieg malajr beda jfalli *"u dan jien kont qed nistennih ghaliex meta tizzewweg taht pretensjonijiet ohra, ghalkemm dak iz-zmien konna nahsbu li nhobbu lil xulxin, ghalkemm nemmen li aktar konna affaxxinati li ser ikollna dar ghalina minghajr indhil zejjed, milli konna affaxxinati bl-idea taz-zwieg".* Meta z-zwieg beda jiehu t-triq tan-nizla, il-konvenuta tghid li hija u l-attur kienu kontinwament jiggieldu sakemm finalment isseparaw.

## (B) KONSIDERAZZJONIJIET U KONKLUZJONIJIET.

Illi l-attur qed jitlob li z-zwieg tieghu mal-konvenuta jigi dijkarat null u bla effett *ai termini* tas-**sub-incizi (a), (d), (f) u (h) tal-artikolu 19 (1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**. Il-konvenuta fin-nota tal-eccezzjonijiet taghha tghid li hija taqbel li z-zwieg celebrat fid-29 ta' Awissu 1990 ghandu jigi dikjarat null u bla effett *ai termini* ta' dawn is-sub-incizi tal-**artikolu 19(1).**

Illi jidher li l-perit legali Dr. Audrey Demicoli ezaminat bir-reqqa l-provi mressqa mill-partijiet u dehrilha li ma ngabux provi bizzejjed li jindikaw fuq bilanc ta' probabilitajiet li z-zwieg celebrat bejn il-partijiet ghandu jigi dikjarat null u bla effett *ai termini* tas-sub-incizi **(f) u (h) tal-Artikolu 19(1)** u dwar dan din l-istess Qorti taqbel mal-konkluzzjonijiet tal-perit legali, almenu fuq dak li jirrigwarda l-**artikolu 19 (1) (h).**

Illi pero' l-attur ibbaza t-talbiet tieghu wkoll fuq il-bazi li l-kunsens tieghu u tal-konvenuta nkiseb bi vjolenza (fizika jew morali) jew biza'. Dan il-*"capus nullitatis"* gie ezaminat diversi drabi mill-Qrati taghna.

Illi fil-fatt fis-sentenzi li nghataw fil-kawzi fl-ismijiet **"John sive Ivan Sammut vs Michelle Sammut"** (P.A. (N.A.) 22 ta' Gunju 1995), **"Janet Portelli vs Victor Portelli"** (P.A. (N.A. 14 ta' Awissu 1995) u **"Carmel sive Charles Camilleri vs Teresa Camilleri"** (P.A. (N.A.) 3 ta' Ottubru

1995 gie spjegat li r-relazzjoni bejn il-vjolenza morali (a differenza ta' dik fizika, li fil-kaz in dizamina certament ma kienetx tezisti) u l-biza' hija wahda ta' kawza u effett. Fil-kawza fl-ismijiet **"Rosanne Cassar vs Kenneth Cassar"** *(*P.A. 19 ta' Ottubru 1998) il-Qorti qalet hekk:-

*"Biex jista' jinghad li l-kunsens ikun ivvizzjat bil-biza' fis-sens tal-ligi taghna, jehtieg li dik il-biza' tkun tali li mhux biss akkompanjat il-kunsens izda ddeterminat kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens. Fi kliem iehor il-biza' trid tkun, fil-kaz konkret, ta' certu portata b'mod li tkun tista' tiddetermina kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens. Il-kunsens matrimonjali jkun inghata minhabba l-biza' u mhux minkejja dik il-biza'"*.

Illi naturalment biex wiehed jara jekk tezistix din il-biza', jridu jigu ezaminati l-fatti u c-cirkostanzi kollha, sew dawk li precedew iz-zwieg kif ukoll dawk vicin u aktar qrib id-data taz-zwieg. Fis-sentenzi hawn fuq citati nghad li l-vjolenza morali jew biza' in dizamina jrid ikollha kawza esterna ghal persuna li tkun qed tissubixxi dik il-vjolenza jew biza'. Mill-kumpless tal-provi l-esponenti ma jidrilhiex li l-kontendenti ressqu ghaz-zwieg u taw il-kunsens taghhom minhabba xi biza' rrezistibbli, li fil-kaz konkret ma hallietilhom ebda ghazla. Huwa veru li l-genituri tal-konvenuta haduha bi kbira hafna meta saru jafu li l-konvenuta kienet harget tqila, u huwa anki veru li l-attur kien jibza' hafna minn missier il-konvenuta, izda l-esponenti hija tal-fehma li ma jistax jinghad li din il-biza' kienet tammonta ghal xi biza' rrezistibbli li ddeterminat kompletament l-ghoti tal-kunsens tal-konvenut. Illi ghalhekk anke din ir-raguni qed tigi michuda bhala l-bazi tan-nullita' taz-zwieg, *stante* li ma tirrizultax, u fil-fatt din il-Qorti hija wkoll konsensjenti ma' dan ir-ragunament tal-brava Perit Legali.

Illi l-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi mressqa mill-partijiet, b'mod partikolari x-xhieda tal-attur, dik ta' ommu u ta' huh, kif ukoll ix-xhieda ta' Carmelo Farrugia, u hi tal-fehma li ghandha tikkoncentra fuq dak li jipprovdi l-**paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-Artikolu 19 tal-Kap. 255**, u cjoe' meta l-kunsens tal-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta'

diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghal kontendenti li jaqdu l-obbligazzjonijiet esenzjali taz-zwieg. Biex ikun hemm dan id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm l-inkapacita' psikika, li mhux necessarjament timplika anomalija psikologika fis-sens mediku / psikjatriku jew kostituzzjonali, li wiehed jaghraf u jirrifletti u jiddeciedi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali. Kif fissret din l-Onorabbli Qorti f'diversi sentenzi (**"Isabelle Attard vs Stephen Attard"** - P.A. 21 ta' Novembru 1995); **"Samuela Lea Pavia vs John Pavia"**, P.A. 20 ta' Novembru 1996); **"Sandro Sciberrs vs Janet Briffa gja' Sciberras"**, P.A. 16 ta' Jannar 1998) dan id-difett ta' kunsens kif ravvizat fil-ligi taghna m'ghandux jigi ekwiparat ma' semplici nkompatibilita' ta' karattru, jew ma' decizjoni zbaljata. F'dan ir-rigward huwa ferm rilevanti dak li osservat il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **"Janet Portelli vs Victor Portelli"** (P.A. 14 ta' Awissu 1995) fejn intqal hekk:-

*"It seems that discretion of judgement or maturity of judgement can be lacking, if anyone of the following three conditions or hypothesises is verified:-*

*(1) when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking;*

*(2) when the contracting party has not reached a sufficient amount of reflaction that is proportionate to the conjugal affair, that is a critical reflection apt for the nuptial;*

*(3) or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, that capacity to deliberate with sufficient weighing of the motives and, on the part of the will, freedom (autonomia) from all force from within".*

Kif jispjega l-gurista ***Bersini:-***

*“la discrezione di giudizio consta di due elementi distinti ma concorrenti e indipendenti: la piena avvertenza e il deliberato consenso. Solo quando l’individuo e’ capace della piena comprensione morale e giuridica dell’atto che compie e della perfetta liberta’ di elezione e deliberazione nel volerlo e attuarlo si puo’ dire che egli l’abbia posto con la piena avvertenza e il deliberato consenso, cioe’ nel possesso della sufficiente discrezione di giudizio. (****Bersini,*** **F., Il Diritto Canonico Matrimoniale, Elle Di Ci (Torino),** *1994, p 97).*

Illi huwa proprju f’dak li jirrigwarda l-kapacita’ tal-attur li jiddeciedi liberament, cjoe’ li jkollu l-kapacita’ volittiva shiha rikjesta ghal finijiet tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, li l-Qorti, flimkien mal-perit legali, jidrilha li kien hemm difett serju fil-kunsens tal-attur. Il-karattru difficli ta’ omm l-attur, l-agir awtoritarju taghha u l-possessivita’ jidhru li hallew effett permanenti fuq l-istess attur fis-sens li kif stqarr hu, kif ammettiet ommu stess, u kif intqal kemm minn Moses Mula, kif ukoll minn Carmelo Farrugia, l-attur kien bniedem sottomess hafna, jinfluwenza ruhu minn dak li jghidlu haddiehor u inkapaci jasal ghal decizjoni wahdu, anki fuq l-aktar affarijiet semplici, kif spjega ben tajjeb Farrugia. Dan l-aspett fil-karattru tal-konvenut irrendih inkapaci li jaqta’ minn mal-konvenuta li kellha karattru difficli u possessiv bhal ommu. Anki meta nduna fi stadju bikri hafna tal-gherusija li huwa ma kienx ihobbha u xtaq jitlaqa’, huwa qatt ma kien kapaci jiehu decizjoni, jew ahjar jiehu l-passi necessarji sabiexjittermina r-relazzjoni. Huwa tgharras mhux ghax verament ried jaghmel hekk imma ghaliex beza’ mix-xenati li kienet taghmel il-konvenuta li kieku huwa rrifjuta li jitgharras. Meta l-konvenuta harget tqila, huwa ma xtaqx jizzewweg izda l-biza’ minn missierha u l-inkapacita’ tieghu li jiehu decizjoni u li jaghzel dak li jrid jaghmel, gieghluh jidhol ghal zwieg li ma xtaqx u li kien *“a priori”* jaf li mhux ser jirnexxi. Huwa rilevanti wkoll li ghalkemm l-attur kien imdejjaq fir-relazzjoni tieghu mal-konvenuta, huwa kien jaraha bhala mezz sabiex jitlaq mid-dar t’ommu u mill-ambjent xejn stabbli li kien jghix fih u kien jispera li l-konvenuta setghat toffri ambjent familjari aktar stabbli. L-

attur jghid li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens huwa hass li kien qed joghgob lil kulhadd hief lilu nnifsu.

Illi f'dan il-kuntest huwa ferm sinifikanti dak li jghid in konkluzjoni tal-affidavit tieghu fejn wara li stqarr li huwa kien immatur u kien ghaggel meta ta' l-kunsens tieghu ghaz-zwieg, jghid ukoll *"jien qatt ma kont liberu fil-hsieb tieghi ghax dejjem kont sottomess – jew ghal ommi, jew ghal Margaret, jew ghal missierha. Tant kont sottomess u taht pressjoni li dhalt ghal zwieg li bl-ebda mod ma ridt".*

Illi minn dan kollu, u anki minn provi ohra li gew elenkati fid-dettal aktar 'il fuq f'dan ir-rapport, il-Qorti tikkondividi l-konkluzjonijiet tal-perit legali meta qalet li:-

*" hi sodisfatta li minhabba l-konflitt intern li l-attur kellu fih – minn banda jrid jitlaq lill-konvenuta u mill-banda l-ohra jrid jibqa' maghha sabiex jisfida lill-ommu u juriha li kien kapaci jibni relazzjoni, u minhabba l-biza' li kellu minn missier il-konvenuta, u minhabba l-fatt li l-konvenuta kienet tqila - hu ma kellux, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, dik il-liberta' minn impulsi nterni mehtiega sabiex jista' jinghad li hu seta' jaghmel ghazla libera dwar l-oggett tal-kunsens matrimonjali. Fil-fehma tal-esponenti din il-mankanza ta' liberta' li jiddeciedi fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali kienet fi grad tali li r-rabta taz-zwieg ghandha tigi dikjarata nulla minhabba difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju da parti tal-attur".*

Illi l-istess ma jistax jinghad in kwantu jirrigwarda l-kunsens tal-konvenuta. Ghalkemm hija stess, kif ukoll l-attur u anki ommu, jghidu li l-konvenuta kienet tara lill-attur bhala mezz sabiex tehles minn certu sikkatura li kellha d-dar tal-genituri taghha, u ghalkemm jidher li l-konvenuta kienet kemmxejn immatura, l-esponenti ma jidhrilhiex li dan kien fi grad tali li seta' jivvizzja l-ghoti tal-kunsens taghha. F'dan ir-rigward l-esponenti taghmel riferenza ghal dak li qalet din l-Onorabbli Qorti fil-kawza fl-ismijiet **"Nicholas Agius vs Rita Agius nee' Caruana"** (P.A. 25 ta' Mejju 1995):-

*“B’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta’ mmaturita’ li parti jew ohra fiz-zwieg tista’ tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita’ shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu”.*

Illi ghalhekk abbazi tal-premess il-perit legali kkonkludiet u rrelatat li *“ghal dawn il-motivi l-esponenti jidrilha li z-zwieg celebrat bejn il-partijiet fid-29 ta’ Awissu 1990 ghandu jigi dikjarat null u bla effett minhabba li l-kunsens tal-attur kien vizjat ai termini tas-**sub-inciz (d) tal-Artikolu 19 (1) tal-Kap. 255”**.*

Illi din il-Qorti thoss li l-konkluzjonijiet tal-istess perit legali huma korretti u ghalhekk taddotta l-istess, anke kif citati f’din is-sentenza bhala l-konkluzjonijiet taghha, u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha skond id-dispozizzjonijiet tas-**sub-inciz (d) tal-Artikolu 19 (1) tal-Kap. 255”**.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta in kwantu l-istess jikkontrastaw mal-konkluzjonijiet hawn raggunti, **tilqa’ t-talbiet attrici** b’dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fid-29 ta’ Awissu 1990 huwa null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-**artikoli 19 (1) (d) tal-Att XXXVII tal-1975 tal-Ligijiet ta’ Malta**.

2. Tordna li dina n-nullita’ tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv fuq indikat.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**30 ta’ Ottubru 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur**
**30 ta’ Ottubru 2002**